**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Dicembru 2019**

**Rikors nru: 481/2019 AGV**
**AB (ID nru: 538892M)**
**Vs**
**CD (ID nru: 290190M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB** tat-23 ta' Ottubru 2019, fejn ppermettiet u pprezentat is-segwenti;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar il- 15 ta' Frar 2015 ( Ara Dok. A), u minn daz-zwieg huma kellhom tifel wiehed, EDB, li twieled nhar il- 21 ta' Marzu 2015**;**
2. Illi l-partijiet xoljew u illikidaw il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u effettwaw separazzjoni legali permezz ta' kuntratt ta'

separazzjoni konsenswali in atti tan-nutar Dr Ian Castaldi Paris datat 6 ta' Settembru 2017, ara dok B;

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Settembru 2015;
4. Illi assolutament ma hemmx l-ebda pendenti dwar hlas ta' manteniment, jew kwistjonijiet ohra bejn il-partijet kwalsiasi natura;
5. Illi l-esponenti iddiskutiet ma' Dr Chris Cilia, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u ingh minghand l-istess avukat l-ismijiet u indirizzi tal-pessuni kwalifikati li joffru ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewwgin (Ara Dok C), u kkonkludiet li ma hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.
6. Illi ma hemm ebda prosett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u z-zewg kontendenti illum ghandhom hajja mas-siehba godda rispettivi taghhom;
7. Illi jikkonkorri l-kriterji kollha stabbiliti skont il-Ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara illi z-zwieg taghha mal-CD hu mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi u tordna lir-registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, sabiex dan jigi annottat u registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat li l-intimat huwa debitament notifkat imma ma pprezenta l-ebda risposta entro t-terminu stipulat lilu, u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**